Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,321, 1 ta' Ottubru, 2024

Taqsima B

A.L. 245 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Catholic School Leadership – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija u tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bordijiet tal-Fakultà tat-Teoloġija u tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilhom skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-grad ta' Master of Arts in Catholic School Leadership – M.A. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-grad ta' Master of Arts in Catholic School Leadership – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija u tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 20 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2024 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(a) grad fl-edukazzjoni miksub tal-anqas fit-Tielet Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija III mill-Università ta' Malta jew grad minn università oħra rikonoxxut bħala ekwivalenti għal dan il-għan miksub flimkien ma' minimu ta' tliet snin esperjenza fit-tagħlim; jew

(b) kwalunkwe grad ieħor miksub tal-anqas fit-Tielet Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija III miksub flimkien ma' kwalifika fit-tagħlim jew fl-edukazzjoni rikonoxxuta u minimu ta' tliet snin esperjenza fit-tagħlim; jew

(ċ) grad fl-edukazzjoni jew iċ-Ċertifikat tal-Għalliema, flimkien ma' mill-anqas tliet snin esperjenza fit-tagħlim u kwalifiki oħrajn xierqa miksuba wara l-grad jew iċ-Ċertifikat tal-Għalliema; jew

(d) kwalunkwe grad tal-ewwel ċiklu, flimkien mal-Postgraduate Certificate in Education jew kwalifika fit-tagħlim rikonoxxuta, flimkien ma' tliet snin esperjenza f'ambjent edukattiv; jew

(e) kwalunkwe grad tal-ewwel ċiklu miksub tal-anqas fit-Tielet Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija III, flimkien ma' minimu ta' tliet snin esperjenza f'ambjent edukattiv, diment li l-applikant ikun membru ta' xi Ordni Reliġjuża, tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (M.U.S.E.U.M.) jew tal-Kleru Djoċesan; jew

(f) kwalifika meqjusa mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Istudji, bħala ekwivalenti għal kwalifiki mniżżla fis-sotto-paragrafi (a) sa (e) ta' dan l-ordinament, flimkien ma' mill-anqas tliet snin ta' esperjenza fit-tagħlim."

It-Tħassir tal-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali

4. L-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 10 sa 12 tal-ordinamenti prinċipali

5. L-ordinamenti 10 sa 12 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 9 sa 11.